MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2422/2003

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**
**Vs**

**Anthony Cassar**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm220.91 (mitejn u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ cessjoni tas-sorte pagament prezentata fis-16 ta’ Frar 2004.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici limitatament ghal kap tal-ispejjes sabiex il-konvenut

iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-20 ta' Dicembru 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-16 ta' Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------